IL-FGURA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa Nru. 43/2016

Data: It-Tlieta 10 ta' Mejju 2016

Hin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Dr. Byron Camilleri – Sindku<br>Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier (18:35)<br>Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sur Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Jesmond Zammit – Kunsillier (18:39)<br>Sur Mark Lombardo – Kunsillier<br>Sur Saviour Camilleri – Kunsillier<br><br>Sur Christopher Cutajar – Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Sur Rene Zammit – Kunsillier |
| Assenti: | L-ebda Kunsillier. |

## AĠENDA

1. MINUTI
2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI
3. KORRISPONDENZA
4. PURCHASE REQUEST FORMS
5. ĦLASIJIET
6. MEMOS
7. TENDERS

8. PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI
9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU
10. PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL
11. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL
12. TRAFFIC MANAGEMENT
13. FINANZI
14. MOZZJONIJIET
15. MISTOQSIJIET
16. AĠĠORNAMENT

**Minuti - *43*/2016**

## 1. Minuti

**1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4289/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 19 ta' April, 2016". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-mozzjoni ref: 4289/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjem ebda punt mill-Minuti.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 4. Purchase Request Forms

**4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4290/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 10/5/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *PRFPO*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4290/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 5. Hlasijiet

**5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4291/16/7 "Sabiex isir reklam skont it-talba annessa bi ħlas ta' 105 ewro". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni ta' reklam mal-Għaqda tal-Banda għall-Programm Annwali tal-Festa 2016.*

Il-mozzjoni ref: 4291/16/7 ġiet approvata unanimament.

**5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4292/16/7 "Sabiex l-impjegata Ritianne Cassar tingħata l-increment skont kif stipulat fir-regolamenti tar-Riżorsi Umani ta' Kap 363". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni ta' increment fis-salarju* lill-impjegata s-Sra Ritianne Cassar.

Il-mozzjoni ref: 4292/16/7 ġiet approvata unanimament.

**5.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4293/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 20/4/16 sa 3/5/16" (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4293/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**5.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4294/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 4/5/16 sa 10/5/16" (ara 'DOK Ċ' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet – Lista addizzjonali*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4294/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 6. Memos

**6.1** Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva l-inizjattiva tal-Kunsill li tittella' t-tieni edizzjoni tal-'Festa tal-Ilsien Malti'. Il-Kunsill se jkun qed jibbenefika minn għotja ta' elfejn ewro.

*Festa tal-Ilsien Malti*

## 7. Tenders

**7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4295/16/7 "CM-ARCH-17-16: Tender for Contract Manager/Architect - Fgura Sabiex il-Kunsill jaddotta l-opinjoni tas-sotto kumitat anness u jappunta lill-offerent James Mifsud". Din kienet sekondata

CM-ARCH-17-16

mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4295/16/7 ġiet approvata unanimament.

# 8. Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

**8.1** Is-Sindku informa lill-Kunsill li Transport Malta qed tħejji l-permessi meħtieġa sabiex tkun asfaltata daħla fi Triq l-Għarnuq, permezz tal-permess li jġib ir-referenza RWP1-0695/16

*Triq l-Għarnuq RWP1-0695/16*

*Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra 18:35*

**8.2** Is-Sindku qal li ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) fir-rigward ta' sit fi Triq Mater Boni Consigli dwar in-negozju li jismu 'Il Fornaio'. Qal li l-forn ilu hemm u huwa mhux jikkontesta l-fatt li jopera minn dan is-sit. Qal li dan in-negozju qed jipproponi li jżid l-imħażen u jkabbar il-parti fejn issir il-preparazzjoni tal-ikel.

*Applikazzjoni relatata ma' Il Fornaio*

*Is-Sur J Zammit daħal fil-kamra fis-18:39.*

**8.2.1** Is-Sur S Camilleri qal li jidher li għalkemm se jiżdied l-operat dan se jkun qiegħed isir fil-binja ġja' eżistenti. Qal li dan huwa fattur li l-PA se tkun qed tikkunsidra fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni.

**8.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4296/16/7 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura joġġezzjona għal PA 01643/16 u dan peress li t-tkabbir tal-attivita' kummerċjali ser iġġib akbar attivita' f'żona residenzjali. Illi l-*local plans* ma jiprovdux għal żona kummerċjali f'din iż-żona". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur P Dalli, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4296/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

**8.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4297/16/7 "Sabiex tiġi approvata l-formola annessa". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Formola dwar ċaqliq ta' lanterni*

Il-mozzjoni ref: 4297/16/7 ġiet approvata unanimament.

**8.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4298/16/7 "Sabiex isir patching quddiem 52 u 54 fi Triq Kampanella". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

*52/54, Triq Kampanella*

Il-mozzjoni ref: 4298/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

**9.1** Is-Sindku qal li tkomplew id-diskussjonijiet mal-*Primary Health Care Directorate* għall-kiri tal-ewwel sular tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li jidher li hemm interess tajjeb min-naħa ta' dan id-Direttorat.

*Kiri taċ-Ċentru Ċiviku*

**9.2** Is-Sindku qal li attenda għal-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki li ttellgħet f'Għawdex fi tmiem il-ġimgħa ta' bejn is-7 u d-9 ta' Mejju, 2016. Qal li meta mqabbla ma' laqgħat preċedenti li saru fis-snin ta' qabel din il-laqgħa kienet relevanti u interessanti ferm. Qal li ċ-Chairperson Eżekuttiv tal-PA informahom li kwalunkwe' kummenti li se jkunu qed jingħaddu lill-Awtorita' għandhom jibdew isiru bil-format diġitali u l-posta tradizzjonali mhux se tibqa' tkun aċċettata. Għal dan il-għan is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jiċċekkjaw li s-sistema tal-e-id ikunu reġistrati fiha u jafu jħaddmuha.

*Laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki*

**9.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva l-ewwel talba sabiex isir żwieġ ċivili fil-Kunsill. Dan se jsir fix-xahar ta' Ġunju 2016.

*L-Ewwel Żwieġ Ċivili fil-Kunsill*

## 10. Progress ta' Hidma mill-Membri tal-Kunsill

**10.1** Ma tressqet ebda materja taħt dan il-punt.

## 11. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

**11.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4299/16/7 "Sabiex isir *re-location* tal-qtates fi Triq San Elija għal post ieħor fejn hemm il-qtates". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Rilokazzjoni ta' qtates*

Favur: Sindku, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur J Zammit.

Il-mozzjoni ref: 4299/16/7 ġiet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4300/16/7 "Sabiex fir-rigward tal-komunikazzjoni annessa mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto fir-rigward ta' loading/unloading bay fi Triq Żabbar, il-Kunsill jiddeċiedi illi joġġezzjona għal din it-talba". Din

*Un/Loading Bay Triq Żabbar*

kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sur J Zammit.
Kontra: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Astenzjonijiet: Ħadd.

Il-mozzjoni ref: 4300/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, żewġ voti kontra u l-ebda astenzjoni.

## 12. Traffic Management

**12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4301/16/7 "Traffic Management: 22/04/2016: 2016/539 Sabiex issir U bar quddiem dar no.131 Triq MBC sabiex il-karozzi ma jostakulawx il-bankina meta jipparkjaw specjalment meta tkun vettura kbira. 27/04/2016: 2016/389 Hemm 3 spralli ta l-ilma tax-xita quddiem Blokka no.2 fi Triq Kampanella. Min dawn l-ispralli tilejn hafna grieden u wirdien. Ir-resident qed jitlob li isir gradilja rqieqa ma dawn l-ispralli sabiex tonqos din il-problema. 27/04/2016: 2016/488 Vjal Kottoner hemm parking bay quddiem 17 Haven Crt . Sabiex isir p/bay ohra hdeja jew MC bay/s - Is-Segretarju mar fuq il-post u ssugerixxa li jsir MC Bay. 04/05/2016: 2016/614 Sabiex isiru yellow lines ta ftit aktar minn metru magenb garaxx 21, Triq Baldassare Lanci peress mhux ser ikun jista jidhol u johrog bit-trakk meta t-triq issir one way hekk kif approva l-kunsill. 04/05/2016: 2016/612 Sabiex issir parking bay safra quddiem it-tieni garaxx ta hekk kif iddur fi triq Titu Brandsma minn Triq il-Karmnu man-naha tal-lemin. 04/05/2016: 2016/616 Fi gnien Reggie Miller faccata tal knisja hemm spazju mhux qed jintuza,Min naha tieghi ghandi informazzjoni li dan kien jintuza minn-resident li kien joqghod hemm u kien juzah biex ikun hemm access ghall lis-stretcher.Biss resident ilu zmien ma' joqghod hemm u b'hekk dan li spazju huwa mohli. Jien tal idea jirnexilna ndahhlu parking space iehor inkunu ghamilna gwadan. 04/05/2016: 2016/615 Sabiex issir mera faccata ta garaxx nru 5, Triq il-Karmnu". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Sinjali tat-traffiku u marki biż-żebgħa*

Il-mozzjoni ref: 4301/16/7 ġiet approvata unanimament.

**12.2** Is-Sur C Bonello qal li fir-rigward tal-istudju intitolat 'Respira' li jitratta l-kwalita' tal-arja fil-Fgura qiegħed jipproponi li ssir laqgħa ma' min mexxa l-istudju, b'mod speċifiku dawk li ssemmew fuq ir-rapport maħruġ fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com. Il-Kunsill qabel li tkun imsejħa din il-laqgħa. *Respira*

## 13. Finanzi

**13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4302/16/7 "Sabiex jiġi approvat l-letter of representation tal-awdituri". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Letter of Representation*

Il-mozzjoni ref: 4302/16/7 ġiet approvata unanimament.

**13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4303/16/7 "Sabiex jiġi approvat Business Plan 2016-2018". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Business Plan 2016-2018

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4303/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

**13.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4304/16/7 "Sabiex jiġi approvat Rapport Amministrattiv sena 2015". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Rapport Amministrattiv 2015*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur R Zammit, Sur J Zammit, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4304/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 14. Mozzjonijiet

**14.1** Ma tressqet ebda mozzjoni taħt dan il-punt.

## 15. Mistoqsijiet

**15.1** Ma saret ebda mistoqsija.

## 16. Aġġornament.

**16.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju, 2016, fis-18:30 hrs.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:25 hrs.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| *Dr. Byron Camilleri*<br>*Sindku* | *Sur Kurt Scerri*<br>Deputat *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: *14 ta' Ġunju, 2016*